

32002R2174

6.12.2002

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 330/1

IR-REGOLAMENT (KE) Nru 2174/2002 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**tal-21 ta' Novembru 2002****li jemenda r-Regolament BĊE/2001/13 dwar il-karta tal-bilanċ konsolidata tas-settur ta' l-istituzzjonijiet monetarji finanzjarji****(BĊE/2002/8)**

IL-KUNSILL REGULATORJU TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 Novembru 1998 dwar il-ġbir ta' informazzjoni statistika mill-Bank Ċentrali Ewropew ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 5(1) u l-Artikolu 6(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 2423/2001 (BĊE/2001/13) tat-22 ta' Novembru 2001 dwar il-karta konsolidata tal-bilanċ tas-settur ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji ⁽²⁾ kif ikkoreġuta bir-Regolament (KE) Nru 993/2002 (BĊE/2002/4) ⁽³⁾, jirrikjedi fatti magħrufa (*data*) statistiċi dwar il-karti konsolidati tal-bilanċ ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (MFI) li jridu jkunu rapportati skond ir-residenza tal-kontrapartijiet, biex tiġi permessa l-kumpilazzjoni ta' aggregati monetarji u miżuri oħra ta' likwidità u kreditu li jistgħu jeskludu assi u lijabilitajiet ta' MFI miżmuma minn persuni mhux residenti ta' l-Istati Membri parteċipanti.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 2423/2001 (BĊE/2001/13) jirrikjedi l-fatti magħrufa (*data*) rigward l-oġġett ta' lijabilità "ishma/unitajiet ta' fondi fis-suq tal-flus" (ishma/unitajiet MMF) li jrid jiġi rapportat biss bħala ammont totali min-flok skond ir-residenza tal-kontraparti.
- (3) Madankollu, biex jiġu kumpilati aggregati monetarji, il-Bank Ċentrali Ewropew jeħtieġ fatti magħrufa (*data*) dwar it-tqassim skond ir-residenza ta' possessuri ta' ishma/unitajiet ta' MMF. Huwa għalhekk meħtieġ li tiġi stabbilita proċedura skond liema l-aġenti tar-rappurtaġġ jipprovdu lill-banek ċentrali nazzjonali bit-tagħrif statistiku rilevanti. Mhuwix meħtieġ li jinġabru fatti magħrufa (*data*) fuq revalwazzjonijiet tal-prezz ta' ishma/unitajiet ta' MMF minħabba li, għal għanijiet statistiċi tal-flus u tal-banek, tibdiliet fil-valur ta' strumenti huma kkunsidrati bħala interess investit mill-ġdid fl-istess strument,
- (4) Għall-għan li jinkiseb tagħrif fuq il-karti ta' bilanċ ta' l-MFI, huwa meħtieġ li jiġu imposti ċerti ħtiġijiet ta' rappurtaġġ fuq intermedjarji finanzjarji oħra minbarra korporazzjonijiet ta' assigurazzjoni u fondi ta' pensjonijiet (minn issa 'l quddiem imsejħa bħala "OFI") (S. 123), meta jaġixxu fil-kuntest ta' attivitajiet finanzjarji li jin-

volvju ishma/unitajiet ta' MMF. Sabiex jiġu stabbiliti ħtiġijiet ta' rappurtaġġ statistiċi rigward dawk l-entitajiet għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, tista' tinħtieġ li tifassal lista ta' OFI ta' rappurtaġġ

ADOPTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 2423/2001 (BĊE/2001/13) huwa emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

Jizzied il-paragrafu 3 li ġej:

"3. Għall-għanijiet ta' l-Anness I(1)(III)(vi), il-popolazzjoni attwali tar-rappurtaġġ għandha tikkonsisti wkoll minn intermedjarji finanzjarji oħra minbarra korporazzjonijiet ta' assigurazzjoni u fondi ta' pensjonijiet (minn issa 'l quddiem imsejħa bħala 'OFI'), kif dikjarat fl-Artikolu 2(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 2533/98. Il-BĊNi jistgħu jikkonċedu derogi lil dawk l-entitajiet basta iżda li t-tagħrif statistiku meħtieġ jinġabar minn sorsi disponibbli oħra bi qbil ma' l-Anness I(1)(III)(vi). Il-BĊNi għandhom jiċċekkjaw it-tweġiq ta' din il-kondizzjoni fi żmien f'waqtu sabiex jikkonċedu jew jirtiraw, jekk ikun hemm b'żonn, kull deroga b'effett mill-bidu ta' kull sena bi ftehim mal-BĊE Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, l-BĊNi jistgħu jistabbilixxu u jżommu lista ta' OFI ta' rappurtaġġ bi qbil mal-prinċipji dikjarati fl-Anness I(1)(III)(vi)."

2. L-Anness I(1), Introduzzjoni tiġi emendata kif ġej:

- (a) Il-paragrafu li ġej jiddaħħal qabel il-paragrafu ta' l-aħħar:

"Għall-għan li jinkiseb tagħrif komplet fuq il-karti ta' bilanċ ta' l-MFI, huwa meħtieġ li jiġu imposti ċerti ħtiġijiet ta' rappurtaġġ fuq intermedjarji finanzjarji oħra minbarra koporazzjonijiet ta' assigurazzjoni u fondi ta' pensjonijiet (minn issa 'l quddiem imsejħa bħala 'OFI') meta jaġixxu fil-kuntest ta' attivitajiet finanzjarji li jinvolvju ishma/unitajiet ta' MMF."

- (b) Il-paragrafu ta' l-aħħar jiġi mibdul b'dan li ġej:

"Dan it-tagħrif statistiku huwa miġbur mill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) mill-MFI u mill-OFI fil-limiti dikjarati fit-Taqsuma I(6), skond l-arranġamenti nazzjonali li jiddependu mid-definizzjonijiet u klassifiki armonizzati dikjarati f'dan l-Anness."

⁽¹⁾ ĠU L 318, tas-27.11.1998, p. 8.

⁽²⁾ ĠU L 333, tas-17.12.2001, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 151, tal-11.6.2002, p. 11.

3. L-Anness I(1)(I) jiġi emendat kif ġej:

(a) Is-sentenza li ġejja tiddaħħal fl-aħħar ta' paragrafu 6:

"Il-MMF innifsu jew il-persuni li jirrappreżentawh legalment jiżgura li d-dispożizzjoni ta' kull tagħrif meħtieġ li jilħaq il-ħtiġijiet statistiċi ta' rappurtaġġ MMFs. Fejn jkun meħtieġ għal raġunijiet prattiċi, il-fatti magħrufa (*data*) jistgħu jiġu sottomessi b'mod effettiv minn kull wieħed mill-entitajiet li jaġixxu fil-kuntest ta' attivitajiet finanzjarji li jinvolvu ishma/unitajiet ta' MMF, bħal ma huma id-depożitarji."

(b) Jiżdied il-paragrafu 9 li ġej:

"9. Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament:

- 'ishma/unitajiet reġistrati MMF' għandhom jitqiesu ishma/unitajiet MMF rigward liema, bi qbil mal-legislażzjoni nazzjonali, reġistrazzjoni tinżamm li tidentifika l-possessuri ta' l-ishma/unitajiet tagħhom, inkluż tagħrif dwar ir-residenza tal-possessur,
- 'ishma/unitajiet *bearer* MMF' għandhom jitqiesu ishma/unitajiet MMF rigward liema, bi qbil mal-legislażzjoni nazzjonali, ma tinżammx reġistrazzjoni li tidentifika l-possessuri ta' l-ishma/unitajiet tagħhom, jew rigward liema tinżamm reġistrazzjoni li ma tikkontenix tagħrif dwar ir-residenza tal-possessur."

4. L-Anness I(1)(III) jiġi emendat kif ġej:

Tiddaħħal is-sotto-taqsim (vi) li ġejja:

"(vi) Residenza tal-possessuri ta' ishma/unitajiet MMF

13.a Aġenti ta' rappurtaġġ jirrapportaw, kull xahar, bħala fatti magħrufa (*data*) minimi dwar ir-residenza tal-possessuri ta' ishma/unitajiet MMF maħruġa mill-MFIs ta' l-Istati Membri parteċipanti skond tqassim ta' Stat Membru domestiku/ieħor parteċipanti/il-bqija tad-dinja. Dan jippermetti lill-BĊNi biex jipprovdu lill-BĊE bil-fatti magħrufa (*data*) dwar ir-residenza tal-possessuri ta' dan l-istrument u jippermetti l-esklużjoni ta' impriżi ta' persuni mhux residenti ta' l-Istati Membri parteċipanti għall-għanijiet tal-kumpilazzjoni ta' aggregati monetarji.

13.b Skond l-Artikolu 4(4), il-BĊNi jistgħu jinħtieġu fatti magħrufa (*data*) dwar tqassim addizzjonali mhux kopert fil-ħtiġijiet ta' dan ir-Regolament, inklużi tqassim mis-settur tal-kontraparti, munita jew maturità.

13.c Rigward ishma/unitajiet reġistrati, il-ħruġ ta' MMFs jew il-persuni li jirrappreżentawhom legalment jew l-entitajiet riferiti fl-Anness I(1)(I)(6) jirrapportaw fatti magħrufa (*data*) dwar it-tqassim skond ir-residenza tal-possessuri ta' l-ishma/unitajiet tagħhom maħruġa fil-karta tal-bilanċ ta' kull xahar.

13.d Rigward ishma/unitajiet *bearer*, aġenti ta' rappurtaġġ jirrapportaw fatti magħrufa (*data*) dwar it-tqassim skond ir-residenza tal-possessuri ta' l-ishma/unitajiet MMF skond l-approċ deċiż mill-BĊN rilevanti bi ftehim mal-BĊN. Din il-ħtieġa hija limitata għal għażla waħda jew kombinazzjoni ta' l-għażliet li ġejjin, li jridu jiġu adottati rigward l-organizzazzjoni tas-swieq rilevanti u l-arranġamenti nazzjonali legali fl-Istat(i) Membru(i) msemmija. Dan jiġi monitorjat perjodikament mill-BĊN u l-BĊE.

(a) MMFs tal-ħruġ

MMFs tal-ħruġ jew il-persuni li jirrappreżentawhom legalment jew l-entitajiet riferiti fl-Anness I(1)(I)(6) jirrapportaw fatti magħrufa (*data*) dwar it-tqassim skond ir-residenza tal-possessuri ta' l-ishma/unitajiet tagħhom maħruġa. Jekk MMF tal-ħruġ mhuwiex f'pożizzjoni li jidentifika direttament ir-residenza tal-possessur, huwa jirrapporta l-fatti magħrufa (*data*) rilevanti fuq il-bażi ta' tagħrif disponibbli. Tagħrif bħal dan jista' jiġi minn aġent li jiddistribbwxixxi l-ishma/unitajiet jew minn kull entità oħra involuta fil-ħruġ, xiri lura jew trasferiment ta' l-ishma/unitajiet.

(b) MFIs u OFIs bħala kustodji ta' ishma/unitajiet MMF

Bħala aġenti ta' rappurtaġġ, l-MFIs u l-OFIs li jaġixxu bħala kustodji ta' ishma/unitajiet MMF jirrapportaw fatti magħrufa (*data*) dwar it-tqassim skond ir-residenza tal-possessuri ta' ishma/unitajiet maħruġa minn MMFs residenti u miżmuma f'kustodju għan-nom tal-possessur jew ta' intermedjarju ieħor li wkoll jaġixxi bħala kustodju. Din l-għażla hija applikabbli jekk jintlaħqu l-kondizzjonijiet li ġejjin. L-ewwel, il-kustodju jiddistingwi ishma/unitajiet MMF miżmuma f'kustodju għan-nom ta' possessuri minn dawk li jinżammu għan-nom ta' kustodji oħra. It-tieni, il-biċċa l-kbira ta' l-ishma/unitajiet MMF huma fil-kustodja ta' istituzzjonijiet residenti domestiċi li huma klasifikati bħala intermedjarji (MFIs jew OFIs).

(c) MFIs u OFIs huma bħala korrespondenti ta' transazzjonijiet ta' residenti ma' persuni li mhumiex residenti li jinvolvu ishma/unitajiet ta' MMF residenti involving shares/units ta' resident MMF

Bħala aġenti ta' rappurtaġġ, l-MFIs u l-OFIs li jaġixxu bħala kustodji ta' transazzjonijiet ta' residenti ma' persuni mhux residenti li jinvolvu ishma/unitajiet ta' fatti magħrufa (*data*) ta' rapport ta' MMF residenti dwar it-tqassim skond ir-residenza tal-possessuri ta' ishma/unitajiet maħruġa minn MMFs residenti, li jagħmlu negozju minnhom għan-nom tal-possessur jew intermedjarju ieħor li huwa involut ukoll fit-transazzjoni. Din l-għażla hija applikabbli jekk jintlaħqu l-kondizzjonijiet li ġejjin. L-ewwel, il-kopertura tar-rappurtaġġ hija komprensiva, jiġifieri tkopri sostanzjalment it-transazzjonijiet kollha mwettqa mill-aġenti ta' rappurtaġġ. It-tieni, fatti magħrufa (*data*) eżatti dwar xiri u bejgħ ma' persuni li mhumiex

residenti ta' l-Istati Membri parteċipanti huma pprovduti. It-tielet, differenzi bejn il-valur tal-ħruġ u l-valur ta' redenzjoni, minbarra miżati, ta' l-istess ishma/unitajiet huma minimi. Ir-raba', l-ammont ta' ishma/unitajiet miżmuma minn persuni li mhumiex residenti ta' l-Istati Membri parteċipanti maħruġ mill-MMFs residenti huwa baxx. Jekk l-aġent ta' rappurtaġġ mhuwiex f' pożizzjoni li jidentifika direttament ir-residenza tal-possessur, huwa jirrapporta l-fatti magħrufa (*data*) rilevanti fuq il-bażi ta' tagħrif disponibbli.

13.e Jekk ishma/unitajiet reġistrati jew ishma/unitajiet bearer jinħarġu għall-ewwel darba jew jekk żviluppi tas-suq jirrikjedu bidla tal-għażla jew kombinazzjoni ta' għażliet, il-BĊNi jistgħu jikkonċedu derogi għal sena rigward il-ħtiġijiet dikjarati fil-paragrafi 13c u d.”.

5. L-Anness I(2), Tabella 1 (Ħażniet) hija emendata kif ġej:

- (a) filliera 10 (ishma/unitajiet MMFs) tinbidel bil-filliera dikjarata fl-Anness ma' dan ir-Regolament;
- (b) tiżdied nota fqiegh il-paġna 6, relatata ma' filliera 10 (ishma/unitajiet MMFs):

“(Fatti magħrufa (*data*) skond dan l-oġġett jistgħu jiġu soġġetti għal proċeduri ta' ġbir statistiċi, kif deċiż mill-BĊN skond ir-regoli li jinstabu f'Parti 1(III).”

6. L-Anness V jiġi emendat kif ġej:

Jiżdied il-paragrafu 7 li ġej:

“7. Mill-1 ta' Mejju 2003 sal-31 ta' Diċembru 2003, fatti magħrufa (*data*) ta' kull xahar dwar ir-residenza tal-possessuri ta' ishma/unitajiet MMF maħruġa minn MFIs ta' l-Istati Membri parteċipanti skond tqassim ta' Stat Membru domestiku/ieħor parteċipanti/il-bqija tad-dinja jistgħu jiġu rapportati lill-BĊE b'dewmien ta' aktar minn xahar mill-għeluq tan-negozju fil-15-il jum tax-xogħol li jiġi wara l-aħħar tax-xahar li għalih ikunu miġbura l-fatti magħrufa. L-BĊNi jiddeċiedu meta jeħtieġu li jirċievu l-fatti magħrufa minn għand l-aġenti tar-rappurtaġġ sabiex jilħqu din it-temma taż-żmien.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2003.

Magħmul fi Frankfurt am Main, fil-21 ta' Novembru 2002.

Għan-nom tal-Kunsill Regulatorju tal-BĊE

Il-President

Willem F. DUISENBERG

L-ANNEX

Tabella 1
(stokks)

Data meħtieġa biex tkun ipprovduta ta' kull xahar

	A. Domestiċi				B. Stati Membri partċipanti oħra						D. Mhux allokati									
	Minn dawn istituzzjonijiet ta' kreditu suġġetti għal RRS, BĊE u BĊNi	Mhux MFIs			Mhux MFIs															
		Gvern ġenerali		Setturi residenti oħra	Gvern ġenerali		Setturi residenti oħra													
		Gvern ċentrali	Gvernijiet ġenerali oħra		Gvern ċentrali	Gvernijiet ġenerali oħra	Inter-medjarji finanzjarji oħra + awżiljari finanzjarji (S.123 + S.124)	Korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u fondital-pensjonijiet (S.125)	Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11)	Djar+istitutzzjonijiet li ma jagħmlux qligħ li jservi lid-djar (S.14 + S.15)		(o)	(p)	(q)	(r)					
MFIs (3)	(a)	(b)	(c)	(d)	(e)	(f)	(g)	(h)	(i)	(k)	(l)	(m)	(n)	(o)	(p)	(q)	(r)	(s)	(t)	
OĠĠETTI TAL-KARTA TAL-BILANĊ																				

LIJABILITÀJIET

10. Ishma/unitajiet MMF (6)